



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni Nru 1637/2013, imressqa minn Nunzia d'Aniello, ta' ċittadinanza Taljana, dwar il-falliment ta' Deuilemar Compagnia di Navigazione (l-Italja)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjoni tittratta l-falliment ta' Deuilemar Compagnia di Navigazione, ibbażata f'Torre del Greco. Skont il-petizzjonanta, kien hemm frodi involuti fil-ġestjoni tal-kumpannija u l-proċedura ta' falliment, li t-tnejn kienu nieqsa minn trasparenza amministrattiva.

Il-falliment ikkawża tbatija ekonomika kbira għal eluf ta' familji li investew it-tfaddil tagħhom fil-kumpannija u għall-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

#### L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni taf bil-proċedimenti ta' insolvenza miftuħa fir-rigward ta' Deuilemar Compagnia di Navigazione fl-Italja u r-riperkussjonijiet negattivi li l-falliment ta' din il-kumpannija għandu fuq id-detenturi ta' bonds u fuq l-impjegati.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' frodi tal-petizzjonant, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li r-regoli dwar id-dmirijiet u r-responsabbiltà tad-diretturi meta l-kumpannija tkun qrib l-insolvenza bħalissa mhumiex armonizzati fil-livell tal-UE. Għaldaqstant, id-dmirijiet u r-

responsabbiltajiet tat-tmexxija ta' kumpanija huma ddeterminati esklużivament mid-dritt nazzjonali. Skont l-informazzjoni tal-Kummissjoni, diversi membri tal-familji li huma sidien tal-kumpanija reċentement ġew ikkundannati li wettqu tranżazzjonijiet finanzjarji illegali fl-istadju meta l-kumpanija kienet qed tfalli. Għalhekk jidher li d-dritt Taljan fih strumenti adegwati biex jissanzjona tranżazzjonijiet frawdolenti mwettqa mit-tmexxija, li huma ta' detriment għall-kredituri tal-kumpanija.

Indipendentement minn dan, il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina l-ħtieġa għal azzjoni fil-livell Ewropew f'dan il-qasam tad-dritt. Il-kwistjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tad-Direttur meta l-kumpanija tkun qrib l-insolvenza ġiet indirizzata fi studju mħejji għall-Kummissjoni mil-London School of Economics fl-2012. Il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju ser jiġu kkomplementati minn riċerka ulterjuri dwar l-implikazzjonijiet transkonfinali ta' din il-kwistjoni li għaliha ġiet reċentement ippubblikata sejħa għall-offerti. Fuq il-bażi ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni ser tidentifika jekk id-differenzi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-insolvenza joħolqux ostakli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Barra minn hekk, f'Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni dwar approċċ ġdid għall-falliment tan-negożju u għall-insolvenza li jħeġġeġ lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ proċeduri ta' insolvenza li jippermettu lill-kumpaniji li jindirizzaw id-diffikultajiet finanzjarji tagħhom fi stadju bikri biex jiżdiedu l-possibbiltajiet ta' salvataġġ b'suċċess tal-kumpanija u biex jiġu salvati l-impjegji. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tirrevedi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment li jistabbilixxi qafas legali għal proċedimenti transkonfinali ta' insolvenza biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal dawn il-proċedimenti li huma orjentati lejn is-salvataġġ. Emenda ewlenija oħra tar-reviżjoni għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' insolvenza billi teħtieġ lill-Istati Membri jistabbilixxu reġistri elettroniċi ta' insolvenza li fihom informazzjoni minima dwar proċedimenti ta' insolvenza u billi tipprevedi interkonnessjoni ta' dawn ir-reġistri. Din ir-reviżjoni hija mistennija li tiġi adottata fil-bidu tal-2015.

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni hija konxja tal-importanza li jkun hemm fis-seħħ qafas legali adegwat li effettivament jissanzjona azzjonijiet maniġerjali abbużivi u diżonesti. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tanalizza l-kwistjoni tar-responsabbiltà tad-diretturi meta l-kumpanija tkun qrib l-insolvenza biex tiddetermina jekk id-diverġenza eżistenti ta' soluzzjonijiet nazzjonali għal din il-problema joħolqux problemi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippromwovi r-riformi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-insolvenza biex tippermetti lill-kumpaniji vijabbli li jkollhom diffikultajiet finanzjarji jkomplu bl-attivitajiet tagħhom, u b'hekk jiġu salvati l-impjegji.